MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2014

Citazzjoni Numru. 3376/1996/1

**Fenech Oil & Petroleum Co Ltd**

**Vs**

**Bank of Valletta plc**[1]

Permezz ta' citazzjoni prezentata fit-2 ta' Dicembru 1996 l-attrici ppremettiet li:-

[1] Il-qorti tordna korezzjoni fis-sens li l-isem Bank of Valletta Limited ghandu jaqra Bank of Valletta plc.

Isselfet somma flus minghand il-bank konvenut. Bhala garanzija kienet tat rahan li kien ammont ta' zejt li kellha f'mahzen.

Kien hemm ftehim bejn il-partijiet li l-attrici setghet tbiegh zejt lil terzi. Kif issir il-konsenja jsir il-hlas tal-prezz lill-bank konvenut.

Bla pre-avviz u minghajr ebda raguni l-bank ma baqax jonora dan il-ftehim u gharraf lill-attrici li dan l-arrangament ma kienx ser jibqa' japplika ghall-ammonti li huma nqas minn Lm5,000. Ghalhekk il-konvenuta ma kenitx ser tippermetti li jittiehed zejt jekk il-bejgh ma jkunx iktar minn Lm5,000.

L-attrici kellha bejgh ta' inqas minn Lm5,000. Negozju li tilfet bla ebda raguni u minhabba n-nuqqas tal-konvenut. Il-qliegh mitlub u l-imghax relattiv ghandu jaghmel tajjeb ghalih il-bank.

Minhabba n-nuqqas ta' bejgh, in-negozju taz-zejt waqaf ghal kollox. Iz-zejt gralu l-hsara u l-attrici sofriet danni li jikkonsisti f'telf ta' qliegh, telf ta' bejgh, imghax u hsara fiz-zejt innifsu. Il-bank ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni li sofriet l-attrici.

1. Tiddikjara li minhabba dan l-agir il-kumpannija attrici sofriet danni.
2. Tillikwida d-danni.
3. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas id-danni.

Il-bank wiegeb:

1. L-azzjoni hi preskritta.
2. Hemm kawza ohra numru 1255/91 fejn dan l-ilment diga' jifforma meritu ta' eccezzjoni li nghatat mill-kumpannija attrici. Ghalhekk ghandu jkun hemm konnessjoni tal-kawzi.
3. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu ma kien hemm l-ebda agir kolpuz min-naha tal-kumpannija konvenuta.

Din hi l-kawza hi konnessa mal-kawza 1255/1991 li giet deciza llum. F'dik il-kawza l-bank harrek lill-kumpannija attrici sabiex thallsu bilanc fuq zewg kontijiet li ghandha. It-tielet u raba' eccezzjoni jaqraw:

*"iii) Bla ebda raguni ma halliex lill-konvenut jinnegozja z-zejt u b'hekk ma halliehx inaqqas il-pretiz kreditu;*

*iv) B'rizultat ta' l-agir tal-attur hawn fuq imsemmi z-zejt li kien storjat fl-apert, iddeterjora tant illi l-konvenut ma setax ibieghu u dan effettwa l-kreditu prezenti".*

Il-kawzi nstemghu flimkien. Fil-fatt b'digriet tat-3 ta' Dicembru 2007 il-qorti ordnat li l-kawza tinstema' mill-qorti li quddiemha kienet qeghda tinstema' l-kawza 1255/1991 (fol. 15).

Il-provi nstemghu fil-kawza l-ohra.

**Eccezzjoni tal-preskrizzjoni**.

L-attrici tilmenta li l-bank konvenut kiser patt li kien hemm bejn iz-zewg partijiet. Ghalhekk l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili ma japplikax in kwantu l-pretensjoni tal-attrici hi bazata fuq relazzjoni kuntrattwali.

Ghal dak li jikkoncerna l-Artikolu 2156(f) il-qorti tosserva:

i. L-ilment tal-attrici hu li minn Frar 1988 il-bank ma riedx jaghti l-kunsens tieghu ghar-rilaxx ta' zejt b'valur ta' inqas minn Lm5,000.
ii. Il-kawza giet intavolata fit-2 ta' Dicembru 1996.

L-attrici tilmenta li l-bank unilateralment biddel l-arrangament li kellhom. Hu evidenti li kwalsiasi pretensjoni ghad-danni fir-rigward ta' bejgh li l-attrici tallega li ma thallitx taghmel bejn Frar 1988 u l-1 ta' Dicembru 1991 hu preskritt. Mhux l-istess ghall-bejgh li seta' kellha wara.

**Meritu**.

Gialadarba l-provi kollha nstemghux kollha fil-kawza l-ohra deciza llum u l-meritu tal-kaz in ezami diga' gie trattat u deciz fil-kawza l-ohra, l-qorti ser tillimita ruhha biex ticcita l-parti rilevanti tas-sentenza l-ohra li tapplika ghal dan il-kaz ukoll:-

*"**<u>Bejgh ta' zejt li kien nghata b'rahan lill-bank</u>**.*

*Il-konvenuta argumentat li l-bank ghamel l-ostakoli meta l-kumpannija konvenuta giet biex tbiegh miz-zejt li kien qieghed iservi bhala ta' garanzija. Mid-deposizzjoni ta' Charles Massa (fol. 566), ufficjal tal-bank, ma jirrizultax ix-xenarju li semma David Mifsud (affidavit fol. 614-615)[2]. Il-qorti ma tarax kif seta' kien fl-interess tal-bank li jirrifjuta li jinbiegh zejt meta dan kien ifisser hlas lill-bank. Mifsud stess xehed li meta kien jinbiegh miz-zejt li kien qieghed iservi ta' garanzija: "… iz-zejt kien jonqos, u d-debitu taghna mal-Bank kien similment jonqos" (fol. 614). Mifsud qal:*

*"Qed nesebixxi dokumenti DM4 sa DM30 – fejn nuri konsenji ta' zejt maghmula mill-kumpanniji ohra taghna Foblend lil varji xerrejja. Dawn l-konsenji huma kollha oltre Lm500 (salv tnejn). Ghal dawn ahna konna tlabna l-Bank of Valletta sabiex jaghtuna r-release u biex b'hekk inkunu nistghu nohorgu z-zejt, pero' huma rrifjutawna dejjem".*

*Il-qorti tosserva:-*

1. *Id-dokumenti kollha li pprezenta dan ix-xhud huma datati jew 1992 jew 1993, igifieri wara li l-kawza giet prezentata;*

2. *Ix-xhud spjega x'gara fit-18 ta' Marzu 1988 meta qal li l-konvenuta rceviet ordni ghax-xiri ta' zejt b'valur ta' Lm857.11. Qal li Massa qalilhom li ordnijiet taht Lm5,000 mhux ser jigu accettati. Michael Fenech, neputi tal-konvenut, xehed: "Inoltre s-sur Massa kien qalilna illi ordnijiet biss fuq Lm5,000 jigu accettati" (fol. 673). Ix-xhud Mifsud kompla li ghalkemm il-kompratur kien diga' hallas ghall-konsenja u l-flus inghataw lil-bank, minhabba l-posizzjoni li ha l-bank il-konvenut waqqaf il-hlas. Hu veru li mir-rendikont tal-bank jirrizulta li fit-18 ta' Marzu 1988 sar hlas ta' Lm857.11 u li fil-21 ta' Marzu 1988 dak l-ammont rega' gie debitat fil-kont tal-kumpannija (fol. 550). Fil-fehma tal-qorti din m'hijiex prova determinanti biex twassal lill-qorti tikkonkludi li l-verzjoni li taw ix-xhieda tal-konvenuta hi l-verita. Il-qorti toserva kif ma tressqux provi dokumentarji li juru li l-kumpannija konvenuta*

[2] Kien impjegat tal-kumpannija konvenuta.

*ipprotestat mal-bank li kienet qeghda tigi mxekkla milli tbiegh iz-zejt. Il-qorti hi tal-fehma li kieku din il-problema kienet verament tezisti l-kumpannija konvenuta kienet:-*

*2.1 Tipprotesta bil-miktub.*
*2.2 Titlob spjegazzjoni tar-raguni ghalfejn il-bank iddecieda li ordnijiet inqas minn Lm5,000 ma jaccettax. Haga li mill-provi ma jirrizultax li qatt intalbet.*

*Il-qorti tirrileva wkoll li lanqas ma tressqu provi dokumentarji li kien hemm ordnijiet ta' iktar minn Lm5,000. A bazi tal-provi li tressqu ordni simili min-naha tal-bank ma kenitx taghmel sens. Jekk din il-materja kienet daqstant importanti ghall-kumpannija konvenuta, il-qorti tistenna li kienu jsiru diskussjonjiet ma' ufficjali tal-bank biex isiru jafu ghalfejn inghatat ordni bhal dik u biex jipprovaw isibu soluzzjoni li kienet tajba ghaz-zewg partijiet. Il-qorti ma tista' tara l-ebda raguni ghalfejn il-bank seta' ostakola l-bejgh taz-zejt meta l-konvenuta stess ikkonfermat li d-dhul mill-bejgh ta' dan iz-zejt kien qieghed imur ghand il-bank sabiex jonqos id-dejn li kien hemm fil-kont tal-overdraft. Zgur li ma kienx fl-interess tal-bank li jostakola l-bejgh iktar u iktar meta tqies li skond ma xehed Michael A. Fenech iz-zejt huwa perishable. Dan apparti li l-kumpannija konvenuta kellha kull opportunita' kieku riedet, gialadarba ssostni li z-zejt hu perishable, li titlob ghall-intervent tal-qorti sabiex jinbiegh (ara Artikolu 1972 tal-Kodici Civili). Ghal ragunijiet li taf hi ma haditx dawn il-passi. Il-konvenuta ma tistax tilmenta mill-passivita' taghha stess.*

*Fic-cirkostanzi l-qorti ma tistax tikkonkludi li l-konvenuti taw prova li l-bank attur kien ostakola lill-kumpannija fil-bejgh taz-zejt li kienet tat b'rahan ghad-dejn li kellha.*

*Inoltre skond il-memorandum of pledge (Dok. AC16, fol. 771) ma jirrizultax li l-bank kellu xi obbligu li jirrilaxxa l-merkanzija. Ghalkemm il-konvenut xehed li l-imsemmi dokument kien "biss memorandum of pledge ta' stocks favur il-Bank ghall-loan account" (fol. 748) fid-dokument jinghad li jirreferi ghal rahan ta' merkanzija li kien f'mahzen gewwa Haz-Zabbar.*

*Il-konkluzjoni tal-qorti hi li ma taccettax il-verzjoni tal-kumpannija konvenuta".*

Il-qorti m'ghandhiex x'izzid ma' dak li nghad hawn fuq, li japplika wkoll ghal dan il-kaz.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:**

1) **Tichad l-eccezzjoni li l-azzjoni tal-attrici hi preskritta skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.**
2) **Tilqa' l-eccezzjoni li l-azzjoni tal-attrici hi preskritta skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili b'riferenza ghall-bejgh ta' zejt li kellu jsir qabel l-1 ta' Dicembru 1991. Tichad l-eccezzjoni fir-rigward tal-bejgh li l-kumpannija attrici tallega li kellha wara l-1 ta' Dicembru 1991 .**
3) **Fil-meritu tilqa' t-tielet eccezzjoni u tichad it-talbiet tal-kumpannija attrici.**

**Spejjez tal-ewwel eccezzjoni jinqasmu nofs bin-nofs u l-kumplament tal-ispejjez a karigu tal-kumpannija konvenuta.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------